MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta ta' l-10 ta' Gunju, 2011

Rikors Numru. 904/2009

**Wara l-mandat ta' sekwestru numru 1477/09 presentat fl-1 ta' Settembru 2009 fl-ismijiet:-**

**Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud**

**vs**

**Carmelo Farrugia (ID numru 483452M) f'ismu personali kif ukoll bhala direttur u Emmanuele Farrugia (ID numru 92255M) F'ismu personali kif ukoll bhala segretarju ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' IFIX Trade Limited (C-39961)**

Il-Qorti

Rat ir-rikors ta' Carmelo Farrugia propio et nomine u ta' Emmanuele Farrugia propio et nomine fejn gie premess:-

Illi l-mandat ta' sekwestru fl-ismijiet hawn fuq premessi inhareg in konnessjoni ma' kreditu pretiz mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud fl-ammont ta' €197,356.15, liema kreditu gie rez ezegwibbli bhala titolu esekuttiv permezz tal-ittra ufficcjali tal-4 ta' Awissu 2009 (2868/09 PA).

Illi malli gew notifikati bl-imsemmija ittra ufficcjali l-esponenti ghamlu verifiki mad-dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud u irrizulta illi l-ammont pretiz kien jirreferi ghall-perjodu bejn l-1 ta' Mejju 2008 sal-31 ta' Lulju 2008 u ghall-liema perjodu l-istess dipartiment kien qed isostni li ma kienitx saret d-denunzja relattiva debitament. In effetti pero' s-socjeta' debitrici principali IFIX Trade Limited kienet ipprezentat tempestivament d-denunzja relattiva u hallset l-ammont pretiz.

Illi nonostante l-premess kien evidenti illi ghal xi raguni d-denunzja relattiva ma setghetx jew ma kenitx giet rintraccjata fid-dipartiment u ghalhekk u sabiex jigu evitati problemi bla bzonn thalliet kopja tal-istess relattiva ghall-hlas tal-ammont ta' €223,029.34 liema ammont kien attwalment dovut peress illi s-somma originali ta' €197,456.15 kienet stima.

Illi nonostante li l-ammont pretiz ghall-perjodu relattiv bejn Mejju u Lulju 2008 thallas, il-Kummissarju fuq il-Valur Mizjud qed jirrifjuta li johrog il-kontro-mandat opportun ghaliex qed isostni li hemm bilanci ohrajn dovuti ghall-perjodi sussegwentement mis-socjeta' IFIX Trade Limited li ghadhom ma thallsux.

Illi IFIX Trade Limited mhijiex f'qaghda li thallas id-djun taghha u prezetement hemm pendenti quddiem dina l-Qorti rikors ghal stralc tal-istess socjeta' u li jinsab differit ghas-sentenza ghas-6 ta' Ottubru 2009 (Rik 566/2009 Charles Farrugia vs IFIX Trade Limited). Eventwalment kwalunkwe krediti ohrajn dovuti lill-istess Kummissarju jistghu facilment jithallsu mill-Istralcjarju billi dawn il-krediti jippregradwaw krediti ohrajn skond il-ligi; ta' min jirrileva ukoll illi permezz ta' digriet moghti fis-17 ta' Settembru

2009, il-Qorti li qed tisma' l-proceduri ta' stralc awtorizzat l-amministratur provisorju sabiex pendente lite jbiegh l-assi tal-kumpanija.

Illi fi kwalunkwe kaz u kif jirrizulta mid-dokumenti annessi u mill-provi li jingiebu matul it-trattazzjoni tal-kaz, il-kreditu pretiz u dedott kemm fl-ittra ufficcjali tal-4 ta' Awissu 2009 u segwit bil-hrug tal-mandat ta' sekwestru hawn fuq citat fl-1 ta' Settembru 2009, thallas, u ghalhekk ma tezisti l-ebda raguni valida skond il-ligi sabiex jiggustifika l-hrug u z-zamma tal-imsemmi mandat ezekuttiv.

Ghal dawn ir-ragunijiet iz-zewg rikorrenti propio et nomine, a tenur tal-artiklu 281(1) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, qed jitolbu, prevja kull dikjarazzjoni opportuna dwar il-hlas tal-kreditu hawn fuq deskritt, li dina l-Qorti tordna, tirrevoka u thassar ghal kollox jew mod iehor il-hrug u l-ezekuzzjoni tal-mandat ta' sekwestru numru 1477/09 tal-1 ta Settembru 2009 fl-ismijiet hawn fuq premessi u tordna li kull ammont depozitat fir-registru ta' dina l-Onorabbli Qorti in segwitu tal-ezekuzzjoni tal-istess mandat jigi liberament zbankat a favur tar-rikorrenti. Bl-ispejjez.

Rat ir-risposta tal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud fejn gie eccepit:-

Illi t-talbiet ta' l-intimati Carmelo Farrugia u Emmanuele Farrugia huma nfondati fil fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda minn dina l-Qorti bl-ispejjez kontra taghhom ghas-segwenti ragunijiet:-

Illi, dwar dak allegat mir-rikorrenti fit-tieni paragrafu tar-rikors taghhom u cioe' li l-ammont dovut jirreferi ghall-perjodu bejn l-1 ta' Mejju 2008 u l-31 ta' Lulju 2008, jinghad illi kemm l-ittra ufficjali ta' l-4 t'Awissu 2009 (2868/09 PA) kif ukoll il-mandat ta' sekwestru ezekuttiv tal-1 ta' Settembru 2009 (1477/2009) jirrispekjaw il-bilanc globali illi kien jirrizulta lill-esponent fis-27 ta' Lulju 2009.

Di piu' dwar dak illi qed jishqu l-istess rikorrenti li d-denunzja relattiva giet ipprezentata 'tempestivament', jinghad illi dan ma ghandux mis-sewwa – din id-denunzja

kellha tigi pprezentata fil-15 ta' Settembru 2008 u fil fatt waslet ghand l-esponent fil-15 ta' Dicembru 2008, kif fil fatt tixhed il-kopja s-safra li ntbaghtet lura lill-intimati b'timbru li jindika dik l-istess data.

Illi, dwar dak allegat mir-rikorrenti fit-tielet paragrafu tar-rikors taghhom u cioe' li l-imsemmija denunzja ma gietx rintraccjata mill-esponent, jinghad illi malli r-rikorrenti nfurmaw lill-esponent dwar dan, l-esponent ha l-passi u ghamel l-arrangamenti necessarji sabiex id-denunzja tigi pprocessata bid-data tal-15 ta' Dicembru 2008 u b' hekk gew riprocessati l-penali u l-interessi relattivi.

Illi dwar dak allegat mir-rikorrenti fir-raba paragrafu tar-rikors taghhom u cioe' li l-ammont pretiz ghall-perjodu bejn Mejju 2008 u Lulju 2008 thallas u li ghalhekk skond huma l-esponent ghandu jintavola l-kontro mandat relattiv, jinghad illi l-intimati jafu ben tajjeb illi l-ammont indikat kemm fl-ittra ufficjali ta' l-4 t' Awissu 2009 (2868/09 PA) kif ukoll fil-mandat ta' sekwestru ezekuttiv ta' l-1 ta' Settembru 2009 (1477/2009) jirraprezenta l-bilanc globali illi huwa dovut lill-esponent mill-intimati.

Illi dwar dak sottomess mir-rikorrenti fil-hames paragrafu tar-rikors taghhom u cioe' li IFIX Trade Limited mhijiex f'qaghda li thallas id-djun taghha, jinghad illi dan ma jfissirx li l-esponent ma ghandux dritt u ma jistghax jiehu dawk il-mizuri kollha li tippermettilu l-ligi sabiex jissalvagwardja l-interessi tieghu fosthom dawk li jassigura li jaghmel l-almu kollu tighu sabiex jigbor dak li hu dovut lilu skond il-ilgi.

Illi ma hu minnu xejn dak allegat mill-intimati fis-sitt paragrafu tar-rikors taghhom u cioe' li l-ammont pretiz thallas. Ghalhekk jibqa' l-fatt li llum l-ammont dovut taht il-ligi mill-intimati Farrugia pro et noe hu ta' mitejn u erbgha u ghoxrin elf, mija u sebgha u sittin euro u tmienja u hamsin euro centezmu (Euro224,167.58).

Illi jidher car illi l-iskop ahhari u uniku ta' l-intimati Farrugia pro et noe huwa li jtawlu l-process sabiex jipprovaw jipposponu l-hlas minnhom dovut lill-esponent.

Ghalhekk, in vista ta’ dak kollu fuq premess, l-esponent issottometta illi r-rikors tar-rikorrenti Farrugia pro et noe ghandu jigi michud, bl-ispejjez konra l-istess rikorrenti Farrugia pro et noe.

Rat il-verbal tas-seduta tat-23 ta’ Novembru 2009 minn fejn jirrizulta li r-rikorrenti l-ahwa Farrugia ddikjaraw li, ghal kull buon fini, huma personalment jintrabtu li jekk il-Kummissarju jinsisti li jhallsu l-ammonti dovuti mis-socjeta’ minnhom rappresentata huma jobbligaw ruhhom personalment li jhallsu dawn l-ammonti sal-ahhar ta’ Marzu 2011. Il-Kummissarju intimat rriserva li jiddikjara l-posizzjoni tieghu fi stadju ulterjuri u rriserva ukoll li jiddikjara x’inhi l-posizzjoni tieghu dwar ir-responsabilita’ personasli tasl-amministratut provizorju tas-socjeta’ rikorrenti, Dottor Richard Galea Debono. Rat in-nota tal-Kummissarju tat-Taxxa dwar il-Valur Mizjud in segwitu ta’ dak li gie dikjarat fl-imsemmi verbal tas-seduta tat-23 ta’ Novembru 2009.

Rat il-verbal tas-seduta tat-22 ta’ Frar 2010.

Semghat lir-rikorrenti Carmelo Farrugia u lix-xhud Mary Anne Schembri pordotta mill-intimat Kummissaju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud.

Rat in-nota ta’ Carmelo Farrugia propio et nomine u ta’ Emanuel Farrugia propio et nomine tal-14 ta’ April 2011 u li biha gew ceduti l-atti ta’ dan ir-rikors u dan in vista ta’ transazzjoni milhuqa bejn il-partijiet fil-mori tal-kawza.

In vista tal-kontenut ta l-imsemmija nota l-Qorti tastjieni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tar-rikors.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------